MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 242/2004

**Mario Magri**

**vs**

**Christopher Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tlett elef u mitejn Lira Maltin [Lm3200] liema somma hija rapprezentanti sehem il-mittenti minn negozju ta' trobbija ta' tigieg, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut, u li baqa' ma thallasx lill-mittenti, nonstante li l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal hlas dovut lill-mittenti, u dan permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Frar, 2004, kif ukoll permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Marzu, 2004.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Frar, 2004, ta' l-ittra legali datata 29 ta' Marzu, 2004, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma mitluba fl-avviz ta' tlett elf u mitejn lira maltin (Lm3200), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------